MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru. 151/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Giovanni Portelli

Il-Qorti ,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat, Giovanni Portelli ta’ 46 sena bin il-mejjet Anthony u il-mejta Jessie nee’ Zammit mwieled Pieta’ fil-25 ta’ Lulju 1960 u residenti 33, Trejqet Sant Anna Hamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 532060(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli-:

Nhar id-9 ta’ Frar 200, ghall-habta ta’ 11:30p.m. gewwa l-Marsa bla ordni skond il-ligi ta’ Awtorita kompetenti,

issekwestra jew zamm lill-Ruth Dyer mill-Hamrun kontra l-volonta taghha, kontra il-ligi u dan ai terminu tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi ikkaguna griehi fuq il-persuni ta' Ruth Dyer mill-Hamrun u dan skond kif ic-certifikat Dr. K. Borg MD Tal-isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kkommetta attentat vjolent fuq il-pudur ta' Ruth Dyer mill-Hamrun u dan ai terminu tal-Art. 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi offenda il-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espsot ghall-pubbliku a dan ai terminu tal-art. 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Frar 2007 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Stante ir-rinunzja tal-kwerelanta l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------